| SAINT-MARTIAL-DE-VALETTE<br>SAINT-MARTIN-DE-FRESSENGEAS<br>SAINT-MARTIN-DES-COMBES<br>SAINT-MARTIN-LE-PIN<br>SAINT-MAIME-DE-PEREYROL<br>SAINT-MEDARD-D'EXCIDEUIL<br>SAINT-MESMIN<br>SAINT-MICHEL-DE-VILLADEIX<br>SAINTE-MONDANE<br>SAINTE-NATHALENE<br>SAINT-NEXANS<br>SAINTE-ORSE<br>SAINT-PANTALY-D'EXCIDEUIL<br>SAINT-PARDOUX-ET-VIELVIC<br>SAINT-PARDOUX-LA-RIVIERE<br>SAINT-PAUL-DE-SERRE<br>SAINT-PAUL-LA-ROCHE<br>SAINT-PERDOUX<br>SAINT-PIERRE-DE-CHIGNAC<br>SAINT-PIERRE-DE-FRUGIE<br>SAINT-PIERRE-D'EYRAUD<br>SAINT-PRIEST-LES-FOUGERES<br>SAINT-RABIER<br>SAINTE-RADEGONDE<br>SAINT-RAPHAEL<br>SAINT-ROMAIN-ET-SAINT-CLEMENT<br>SAINT-SAUD-LACOUSSIERE<br>SAINT-SAUVEUR<br>SAINT-SEVERIN-D'ESTISSAC<br>SAINT-SULPICE-D'EXCIDEUIL<br>SAINTE-TRIE<br>SAINT-VINCENT-DE-COSSE<br>SAINT-VINCENT-LE-PALUEL<br>SAINT-VINCENT-SUR-L'ISLE<br>SALAGNAC<br>SALIGNAC-EYVIGUES<br>SALON<br>SARLANDE<br>SARLAT-LA-CANEDA<br>SARLIAC-SUR-L'ISLE<br>SARRAZAC<br>SAUSSIGNAC<br>SAVIGNAC-DE-MIREMONT<br>SAVIGNAC-DE-NONTRON<br>SAVIGNAC-LEDRIER<br>SAVIGNAC-LES-EGLISES<br>SCEAU-SAINT-ANGEL<br>SERGEAC<br>SERRES-ET-MONTGUYARD<br>SIGOULES<br>SIMEYROLS<br>SINGLEYRAC<br>SIORAC-EN-PERIGORD<br>SORGES ET LIGUEUX EN PERIGORD<br>SOUDAT<br>SOURZAC<br>TAMNIES<br>TEILLOTS<br>TEMPLE-LAGUYON<br>TERRASSON-LAVILLEDIEU<br>TEYJAT<br>THENAC<br>THENON<br>THIVIERS | |

| | |
|---|---|
| THONAC<br>TOURTOIRAC<br>TRELISSAC<br>TREMOLAT<br>TURSAC<br>URVAL<br>VALLEREUIL<br>VALOJOULX<br>VARENNES<br>VAUNAC<br>VERDON<br>VERGT<br>VEYRIGNAC<br>VEYRINES-DE-DOMME<br>VEYRINES-DE-VERGT<br>VEZAC<br>VILLAC<br>VILLAMBLARD<br>VITRAC | |
| *Les communes suivantes dans le département: Lot (46)* | |
| LES ARQUES<br>BOISSIERES<br>CABRERETS<br>CALAMANE<br>CATUS<br>CRAS<br>CRAYSSAC<br>DEGAGNAC<br>ESPERE<br>FRANCOULES<br>GIGOUZAC<br>GINDOU<br>LANZAC<br>BELLEFONT - LA RAUZE<br>LAUZES<br>LAVERCANTIERE<br>LENTILLAC-DU-CAUSSE<br>LEOBARD<br>MAXOU<br>MONTGESTY<br>NADILLAC<br>NUZEJOULS<br>ORNIAC<br>RAMPOUX<br>SABADEL-LAUZES<br>LES PECHS DU VERS<br>SAINT-DENIS-CATUS<br>SAINT GERY - VERS<br>SALVIAC<br>SENAILLAC-LAUZES<br>THEDIRAC<br>UZECH<br>SAINT-PIERRE-LAFEUILLE<br>BACH<br>BEAUREGARD<br>BERGANTY<br>BOUZIES<br>CABRERETS<br>CENEVIERES<br>CONCOTS<br>CREGOLS<br>LARAMIERE | 25.4.2022 |

| | |
|---|---|
| LIMOGNE EN QUERCY<br>LUGAGNAC<br>ORNIAC<br>PROMILHANES<br>SAILLAC<br>SAINT-CIRQ-LAPOPIE<br>SAULIAC-SUR-CELE<br>TOUR-DE-FAURE<br>VARAIRE<br>VIDAILLAC | |

* F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-iskopijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għall-Istati Membri jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq."

**DEĊIŻJONI TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/691**

**tat-28 ta’ April 2022**

**li temenda d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2323 li tistabbilixxi l-Lista Ewropea tal-faċilitajiet ta’ riċiklaġġ tal-bastimenti skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Novembru 2013 dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 u d-Direttiva 2009/16/KE ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 jeħtieġ li s-sidien tal-bastimenti jiżguraw li l-bastimenti li jkunu se jiġu riċiklati, ikunu riċiklati biss f’faċilitajiet ta’ riċiklaġġ tal-bastimenti li huma inklużi fil-Lista Ewropea tal-faċilitajiet ta’ riċiklaġġ tal-bastimenti (“il-Lista Ewropea”) ippubblikata skont l-Artikolu 16 ta’ dak ir-Regolament.

(2) Il-Lista Ewropea hija stabbilita fid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2323 ([2]).

(3) In-Netherlands għarrfu lill-Kummissjoni li DECOM Amsterdam B.V., faċilità ta’ riċiklaġġ tal-bastimenti li tinsab fit-territorju tagħhom, ġiet awtorizzata mill-awtorità kompetenti, f’konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013. In-Netherlands ipprovdew lill-Kummissjoni bl-informazzjoni rilevanti kollha biex dik il-faċilità tiġi inkluża fil-Lista Ewropea. Għalhekk jenħtieġ li l-Lista Ewropea tiġi aġġornata biex tinkludi dik il-faċilità.

(4) L-awtorizzazzjoni ta’ Navalria - Docas, Construções e Reparações Navais, faċilità ta’ riċiklaġġ tal-bastimenti li tinsab fil-Portugall, skadiet fil-31 ta’ Diċembru 2021 u l-Kummissjoni rċeviet informazzjoni mill-Portugall li l-proċess għat-tiġdid ta’ din l-awtorizzazzjoni għadu għaddej. Għalhekk, il-faċilità attwalment ma tissodisfax ir-rekwiżit stabbilit fil-punt (a) tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013. Għaldaqstant jenħtieġ li l-Lista Ewropea tiġi aġġornata biex titneħħa dik il-faċilità.

(5) L-awtorizzazzjoni ta’ Grand Port Maritime de Bordeaux u GARDET & DE BEZENAC Recycling, żewġ faċilitajiet ta’ riċiklaġġ tal-bastimenti li jinsabu fi Franza, skadiet fil-21 ta’ Ottubru 2021 u fit-30 ta’ Diċembru 2021, rispettivament. Il-Kummissjoni rċeviet informazzjoni minn Franza li l-awtorizzazzjonijiet mogħtija lil dawk il-faċilitajiet biex iwettqu r-riċiklaġġ tal-bastimenti ġew imġedda qabel l-iskadenza tagħhom, f’konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013. Għalhekk, jenħtieġ li d-data ta’ skadenza tal-inklużjoni ta’ dawk il-faċilitajiet fil-Lista Ewropea tiġi aġġornata.

(6) Il-Kummissjoni rċeviet żewġ applikazzjonijiet, f’konformità mal-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013, għal Dales Marine Services Ltd u Kishorn Port Ltd, żewġ faċilitajiet ta’ riċiklaġġ tal-bastimenti li jinsabu f’partijiet oħra tar-Renju Unit għajr l-Irlanda ta’ Fuq, li għandhom jiġu inklużi fil-Lista Ewropea. Wara li vvalutat l-informazzjoni u l-evidenza ta’ sostenn li ngħataw jew li nġabru f’konformità mal-Artikolu 15 ta’ dak ir-Regolament, il-Kummissjoni tqis li l-faċilitajiet jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 13 ta’ dak ir-Regolament biex iwettqu riċiklaġġ tal-bastimenti u biex jiġu inklużi fil-Lista Ewropea. Għalhekk jenħtieġ li l-Lista Ewropea tiġi aġġornata biex tinkludi dawk il-faċilitajiet.

([1]) ĠU L 330, 10.12.2013, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2323 tad-19 ta’ Diċembru 2016 li tistabbilixxi l-Lista Ewropea tal-faċilitajiet ta’ riċiklaġġ tal-bastimenti skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti (ĠU L 345, 20.12.2016, p. 119).

(7) Spanja infurmat lill-Kummissjoni dwar il-bidliet li jikkonċernaw id-dettalji ta' kuntatt u l-metodu ta' riċiklaġġ applikat fil-faċilità DESGUACE INDUSTRIAL Y NAVAL, S.L.U. (DINA), li tinsab fit-territorju tagħha. Barra minn hekk, hija infurmat lill-Kummissjoni dwar il-bidliet li jikkonċernaw il-proċess għall-approvazzjoni tal-pjanijiet għar-riċiklaġġ tal-bastimenti fi Spanja. Għalhekk jenħtieġ li l-Lista Ewropea tiġi aġġornata biex tirrifletti dawn il-bidliet.

(8) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2323 tiġi emendata skont dan.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2323 huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' April 2022.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

*“ANNESS*

**IL-LISTA EWROPEA TAL-FAĊILITAJIET TA’ RIĊIKLAĠĠ TAL-BASTIMENTI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 16 TAR-REGOLAMENT (UE) NRU 1257/2013**

PARTI A

**Il-faċilitajiet ta’ riċiklaġġ tal-bastimenti li jinsabu fi Stat Membru**

| **Isem il-faċilità** | **Metodu ta’ riċiklaġġ** | **Tip u daqs ta’ bastimenti li jistgħu jiġu riċiklati** | **Limitazzjonijiet u kundizzjonijiet għall-operat tal-faċilità ta’ riċiklaġġ tal-bastimenti, inkluż fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart perikoluż** | **Dettalji dwar il-proċedura espliċita jew taċita għall-approvazzjoni tal-pjan ta’ riċiklaġġ tal-bastimenti mill-awtorità kompetenti (1)** | **Ammont massimu annwali ta’ riċiklaġġ tal-bastimenti, ikkalkulat bħala s-somma tal-piż tal-bastimenti li jkunu ġew riċiklati f’sena partikolari f’dik il-faċilità, espress bħala LDT (2)** | **Data tal-iskadenza tal-inklużjoni fil-Lista Ewropea (3)** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| IL-BELĠJU | | | | | | |
| **NV Galloo Recycling Ghent**<br>Scheepszatestraat 9<br>9000 Gent<br>Il-Belġju<br>Telefown: +32(0)9/251 25 21<br>Posta elettronika: peter.wyntin@galloo.com | Laterali (irmiġġ fl-ilma), rampa | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 265 metru<br>Wisa’: 37 metru<br>Pixka: 12,5-il metru | | Approvazzjoni taċita, b’perjodu massimu ta’ rieżami ta’ 30 jum. | 34 000 (4) | il-31 ta’ Marzu 2025 |
| ID-DANIMARKA | | | | | | |
| **FAYARD A/S**<br>Kystvejen 100<br>DK-5330 Munkebo<br>Id-Danimarka<br>www.fayard.dk<br>Telefown: +45 7592 0000<br>Posta elettronika: fayard@fayard.dk | Baċir imbattal mill-ilma | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 415-il metru<br>Wisa’: 90 metru<br>Pixka: 7,8 metri | Il-faċilità ta’ riċiklaġġ tal-bastimenti hija rregolata f’konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli u mal-kundizzjonijiet stipulati fil-Permess Ambjentali tas-7 ta’ Novembru 2018 maħruġ mill-Muniċipalità ta’ Kerteminde.<br>Il-Permess Ambjentali jinkludi l-kundizzjonijiet għas-sigħat ta’ operat, il-kundizzjonijiet ta’ operat speċjali, l-immaniġġjar u l-ħżin tal-iskart u jinkludi wkoll kundizzjoni li l-attività trid titwettaq f’baċir imbattal mill-ilma. | Approvazzjoni taċita, b’perjodu massimu ta’ rieżami ta’ 14-il jum. | 0 (5) | is-7 ta’ Novembru 2023 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Fornæs ApS**<br>Rolshøjvej 12-16<br>8500 Grenaa<br>Id-Danimarka<br>www.fornaes.com<br>Telefown: +45 86326393<br>Posta elettronika:<br>recycling@fornaes.dk | Laterali, baċir imbattal mill-ilma | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 150 metru<br>Wisa’: 25 metru<br>Pixka: 7 metri<br>TG: 10 000 | Il-muniċipalità ta’ Norddjurs għandha d-dritt li talloka l-iskart perikoluż lil faċilitajiet ta’ akkoljenza approvati mil-lat ambjentali. | Approvazzjoni taċita, b’perjodu massimu ta’ rieżami ta’ 14-il jum. | 30 000 ([6]) | it-12 ta’ Mejju 2026 |
| **Jatob ApS**<br>Langerak 12<br>9900 Frederikshavn<br>Id-Danimarka<br>www.jatob.dk<br>Telefown: +45 8668 1689<br>Posta elettronika: post@jatob.dk<br>mathias@jatob.dk | Laterali, skal | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 150 metru<br>Wisa’: 30 metru<br>Pixka: 6 metri | Il-maniġġ u l-ħżin ta’ frazzjonijiet tal-iskart huma diskrezzjoni tal-Awtorizzazzjoni Ambjentali.<br>Il-ħżin intermedju tal-iskart perikoluż jista’ jseħħ għal massimu ta’ sena fuq is-sit. | Approvazzjoni taċita, b’perjodu massimu ta’ rieżami ta’ 14-il jum. | 13 000 ([7]) | id-9 ta’ Marzu 2025 |
| **Modern American Recycling Services Europe (M.A.R.S)**<br>Sandholm 60<br>9900 Frederikshavn<br>Id-Danimarka<br>www.<br>modernamericanrecyclingservices.com/<br>Posta elettronika: kim@mars-eu.dk | Skal | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 290 metru<br>Wisa’: 90 metru<br>Pixka: 14-il metru | Il-kundizzjonijiet li skonthom topera l-faċilità ta’ riċiklaġġ tal-bastimenti huma definiti fil-Permess Ambjentali tad-9 ta’ Marzu 2018 maħruġ mill-Muniċipalità ta’ Frederikshavn.<br>Il-Muniċipalità ta’ Frederikshavn għandha d-dritt li talloka l-iskart perikoluż lil faċilitajiet ta’ akkoljenza approvati mil-lat ambjentali.<br>Il-faċilità ma tridx taħżen l-iskart perikoluż għal aktar minn sena. | Approvazzjoni taċita, b’perjodu massimu ta’ rieżami ta’ 14-il jum. | 0 ([8]) | it-23ta’Awwissu2023 |
| **Smedegaarden A/S**<br>Vikingkaj 5<br>6700 Esbjerg<br>Id-Danimarka<br>www.smedegaarden.net<br>Telefown: +45 75128888<br>Posta Elettronika:<br>m@smedegaarden.net | Laterali, skal | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 200 metru*<br>Wisa’: 48 metru<br>Pixka: 7,5 metri | Il-kundizzjonijiet li skonthom topera l-faċilità ta’ riċiklaġġ tal-bastimenti huma definiti fil-Permess Ambjentali tal-4 ta’ Ġunju 2015 maħruġ mill-Muniċipalità ta’ Esbjerg. | Approvazzjoni taċita, b’perjodu massimu ta’ rieżami ta’ 14-il jum. | 20 000 ([9]) | il-11 ta’ Marzu 2026 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | (*Jekk tul > 170 metru, aċċettazzjoni mill-Muniċipalità ta' Esbjerg hija meħtieġa) | Il-Muniċipalità ta' Esbjerg għandha d-dritt li talloka l-iskart perikoluż lil faċilitajiet ta' akkoljenza approvati mil-lat ambjentali. | | | |
| **Stena Recycling A/S**<br>Grusvej 6<br>6700 Esbjerg<br>Id-Danimarka<br>www.stenarecycling.dk<br>Telefown: +45 20699190<br>Posta elettronika: jakob.kristensen@stenarecycling.com | Baċir imbattal mill-ilma | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013.<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 40 metru<br>Wisa': 40 metru<br>Pixka: 10 metri | Il-kundizzjonijiet li skonthom topera l-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti huma definiti fil-Permess Ambjentali tal-5 ta' Ottubru 2017 maħruġ mill-Muniċipalità ta' Esbjerg.<br>Il-Muniċipalità ta' Esbjerg għandha d-dritt talloka l-iskart perikoluż lil faċilitajiet ta' akkoljenza approvati mil-lat ambjentali, kif stipulat fil-Permess Ambjentali għall-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti | Approvazzjoni taċita, b'perjodu massimu ta' rieżami ta' 14-il jum. | 0 ([10]) | is-7 ta' Frar 2024 |
| L-ESTONJA | | | | | | |
| **BLRT Refonda Baltic OÜ**<br>Kopli 103, 11712 Tallinn, l-Estonja<br>Telefown: +372 610 2933<br>Faks: +372 610 2444<br>Posta elettronika: refonda@blrt.ee<br>www.refonda.ee | F'wiċċ l-ilma mal-moll u fil-baċir f'wiċċ l-ilma | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 197 metru<br>Wisa': 32 metru<br>Pixka: 9,6 metri | Permess għall-iskart Nru. KL-511809. Il-liċenzja tal-immaniġġjar tal-iskart perikoluż Nru 0546. Ir-Regoli tal-Port Vene-Balti, Il-Manwal dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti MSR-Refonda. Sistema ta' Mmaniġġjar Ambjentali, Immaniġġjar tal-iskart EP 4.4.6-1-13<br>Il-faċilità tista' tirriċikla biss il-materjali perikolużi li għalihom ġiet liċenzjata. | Approvazzjoni taċita, b'perjodu massimu ta' rieżami ta' 30-il jum. | 24 364 ([11]) | il-15 ta' Frar 2026 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| SPANJA | | | | | | |
| **DESGUACE INDUSTRIAL Y NAVAL, S.L.U. (DINA)**<br>Vega de Tapia, s/n<br>48903 Barakaldo-Bizkaia<br>Spanja<br>Telefown: +34944971552<br>Posta elettronika: dina@dinascrapping.com<br>www.redena.es | Laterali, rampa għaż-żarmar | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 120 metru<br>Wisa’: 20 metru<br>Pixka: 6 metri | Il-limitazzjonijiet huma inklużi fl-awtorizzazzjoni ambjentali integrata. | Approvazzjoni taċita. L-awtorità kompetenti għall-approvazzjoni hija l-awtorità ambjentali tal-Komunità Awtonoma fejn tkun tinsab il-faċilità. | 2 086 ([12]) | it-3 ta’ Marzu 2026 |
| **DDR VESSELS XXI, S.L.**<br>Port of “El Musel”<br>Gijon<br>Spanja<br>Telefown: +34 630 14 44 16<br>Posta elettronika: abarredo@ddr-vessels.com | Laterali, rampa għaż-żarmar | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 169,9 metru<br>(Bastimenti b’daqs ikbar minn dan li waqt l-operat tagħhom ma jkollhomx riskju li jinqalbu jew inkella li r-rampa tagħhom ma tiċċaqlaqx jistgħu jiġu aċċettati skont ir-riżultat ta’ studju dettaljat tal-vijabbiltà)<br>Wisa’: 25 metru | Il-limitazzjonijiet huma inklużi fl-awtorizzazzjoni ambjentali integrata. | Approvazzjoni taċita. L-awtorità kompetenti għall-approvazzjoni hija l-awtorità ambjentali tal-Komunità Awtonoma fejn tkun tinsab il-faċilità. | 3 600 ([13]) | it-28 ta’ Lulju 2025 |
| FRANZA | | | | | | |
| Démonaval Recycling<br>ZI du Malaquis<br>Rue François Arago<br>76580 LE TRAIT<br>Telefown: (+ 33) (0)7 69 79 12 80<br>Posta elettronika: patrick@demonaval-recycling.fr | Laterali, baċir imbattal mill-ilma | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 140 metru<br>Wisa’: 25 metru<br>Fond: 5 metri | Il-limitazzjonijiet ambjentali huma definiti fl-awtorizzazzjoni prefettorali. | Approvazzjoni espliċita — L-awtorità kompetenti għad-deċiżjoni tal-approvazzjoni hija l-Ministru għall-Ambjent | 0 ([14]) | il-11 ta’ Diċembru 2022 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **GARDET & DE BEZENAC Recycling/Groupe BAUDELET ENVIRONNEMENT – GIE MUG**<br>616, Boulevard Jules Durand<br>76600 Le Havre<br>Franza<br>Telefown: +33(0)2 35 95 16 34<br>Posta elettronika: infos@gardet-bezenac.com | F'wiċċ l-ilma u fl-iskal | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 150 metru<br>Wisa': 18-il metru<br>Fond: 7 metri<br>LDT: 7 000 | Il-limitazzjonijiet ambjentali huma definiti fl-awtorizzazzjoni prefettorali. | Approvazzjoni espliċita — L-awtorità kompetenti għad-deċiżjoni tal-approvazzjoni hija l-Ministru għall-Ambjent. | 7 730 ([15]) | id-29 ta' Diċembru 2026 |
| **Grand Port Maritime de Bordeaux**<br>152, Quai de Bacalan - CS 41320 - 33082 Bordeaux Cedex<br>Franza<br>Telefown: +33(0)5 56 90 58 00<br>Posta elettronika: maintenance@bordeaux-port.fr | Laterali, baċir imbattal mill-ilma | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 240 metru<br>Wisa': 37 metru<br>Fond: 17-il metru | Il-limitazzjonijiet ambjentali huma definiti fl-awtorizzazzjoni prefettorali. | Approvazzjoni espliċita — L-awtorità kompetenti għad-deċiżjoni tal-approvazzjoni hija l-Ministru għall-Ambjent. | 9 000 ([16]) | is-27 ta' Settembru 2026 |
| **Recycleurs Bretons - Navaléo**<br>170 rue Jacqueline Auriol<br>29470 Guipavas<br>Franza<br>Telefown: +33(0)2 98 01 11 06<br>Posta elettronika: navaleo@navaleo.fr | Laterali, baċir imbattal mill-ilma | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 225 metru<br>Wisa': 34 metru<br>Fond: 27 metru | Il-limitazzjonijiet ambjentali huma definiti fl-awtorizzazzjoni prefettorali. | Approvazzjoni espliċita — L-awtorità kompetenti għad-deċiżjoni tal-approvazzjoni hija l-Ministru għall-Ambjent. | 15 000 ([17]) | id-19 ta' Ġunju 2025 |
| L-ITALJA | | | | | | |
| **San Giorgio del Porto S.p.A.**<br>Calata Boccardo 8<br>16128 – Genova –<br>L-Italja<br>Telefown: +39 (0)10 251561<br>Posta elettronika: segreteria@sgdp.it; sangiorgiodelporto@legalmail.it<br>www.sgdp.it | Laterali, baċir imbattal mill-ilma | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 350 metru<br>Wisa': 75 metru<br>Fond: 16-il metru<br>TG: 130 000 | Il-limitazzjonijiet u r-restrizzjonijiet huma inklużi fl-awtorizzazzjoni ambjentali integrata. | Approvazzjoni espliċita | 38 564 ([18]) | is-6 ta' Ġunju 2023 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| IL-LATVJA | | | | | | |
| **"Galaksis N", Ltd.**<br>Kapsedes street 2D,<br>Liepāja, LV – 3414<br>Il-Latvja<br>Telefown: +371 29410506<br>Posta elettronika:<br>galaksisn@inbox.lv | Laterali (irmiġġ fl-ilma), baċir imbattal mill-ilma | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 165 metru<br>Wisa': 22 metru<br>Fond: 7 metri<br>TG: 12 000 | Ara l-permess nazzjonali Nru LI12IB0053 | Approvazzjoni espliċita — notifika bil-miktub fi żmien 30 jum ta' xogħol | 0 ([19]) | is-17 ta' Lulju 2024 |
| IL-LITWANJA | | | | | | |
| **UAB APK**<br>Minijos 180 (berth 133 A), LT 93269, Klaipėda,<br>Il-Litwanja<br>Telefown: +370 (46) 365776<br>Faks: +370 (46) 365776<br>Posta elettronika: uab.<br>apk@gmail.com | Laterali (irmiġġ fl-ilma) | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 130 metru<br>Wisa': 35 metru<br>Fond: 10 metri<br>TG: 3 500 | Ara l-permess nazzjonali Nru TL-KL.1-15/2015 | Approvazzjoni espliċita — notifika bil-miktub fi żmien 30 jum ta' xogħol | 1 500 ([20]) | it-12 ta' Marzu 2025 |
| **UAB Armar**<br>Minijos 180 (berth 131 A), LT 93269, Klaipėda,<br>Il-Litwanja<br>Telefown: +370 685 32607<br>Posta elettronika: armar.<br>uab@gmail.com;<br>albatrosas33@gmail.com | Laterali (irmiġġ fl-ilma) | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 80 metru<br>Wisa': 16-il metru<br>Fond: 5 metri<br>TG: 1 500 | Ara l-permess nazzjonali Nru TL-KL.1-51/2017 | Approvazzjoni espliċita — notifika bil-miktub fi żmien 30 jum ta' xogħol | 3 910 ([21]) | id-19 ta' April 2022 |
| **UAB Demeksa**<br>Nemuno g. 42 A (berth 121), LT 93277 Klaipėda<br>Il-Litwanja<br>Telefown: +370 630 69903<br>Posta elettronika:<br>uabdemeksa@gmail.com | Laterali (irmiġġ fl-ilma) | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 58 metru<br>Wisa': 16-il metru<br>Fond: 5 metri<br>TG: 3 500 | Ara l-permess nazzjonali Nru TL-KL.1-64/2019 | Approvazzjoni espliċita — notifika bil-miktub fi żmien 30 jum ta' xogħol | 0 ([22]) | it-22 ta' Mejju 2024 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **UAB Vakarų refonda**<br>Minijos 180 (irmiġġi 129, 130, 131 A, 131, 132, 133 A), LT 93269, Klaipėda,<br>Il-Litwanja<br>Telefown: +370 (46) 483940/483891<br>Faks: +370 (46) 483891<br>Posta elettronika: refonda@wsy.lt | Laterali (irmiġġ fl-ilma) | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 230 metru<br>Wisa': 55 metru<br>Fond: 14-il metru<br>TG: 70 000 | Ara l-permess nazzjonali Nru (11.2)-30-161/2011/TL-KL.1-18/2015 | Approvazzjoni espliċita — notifika bil-miktub fi żmien 30 jum ta' xogħol | 20 140 (23) | it-30 ta' April 2025 |
| IN-NETHERLANDS | | | | | | |
| **Damen Verolme Rotterdam B.V.**<br>Prof. Gerbrandyweg 25<br>3197 KK Rotterdam<br>In-Netherlands<br>Telefown: +31 (0)181 23 4353<br>Posta elettronika: MZoethout@damenverolme.com | Baċir imbattal mill-ilma | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 400 metru<br>Wisa': 90 metru<br>Fond: 12-il metru<br>Gholi: 90 metru | Is-sit għandu permess biex jopera; dan il-permess għandu limitazzjonijiet u kundizzjonijiet biex jopera mingħajr ma jkun ta' ħsara għall-ambjent. | Approvazzjoni espliċita | 0 (24) | il-21 ta' Mejju 2026 |
| **DECOM Amsterdam B.V.**<br>Siciliëweg 10 1045 AS Amsterdam<br>In-Netherlands<br>Telefown: +31 23 558 1937<br>Posta elettronika: info@decomamsterdam.eu | Azzjonijiet preparatorji mal-moll, imtella' fuq l-art għall-iskrappjar | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 240 metru<br>Wisa': 50 metru<br>Pixka: 9 metri | Is-sit għandu permess biex jopera; dan il-permess għandu limitazzjonijiet u kundizzjonijiet biex jopera mingħajr ma jkun ta' ħsara għall-ambjent. | Approvazzjoni espliċita | 17 500 (25) | il-5 ta' Ottubru 2026 |
| **Hoondert Services & Decommissioning B.V.**<br>Spanjeweg 4<br>4455 TW Nieuwdorp<br>Telefown: +31 113352510<br>Posta elettronika: info@hsd.nl | Azzjonijiet preparatorji mal-moll, imtella' fuq l-art għall-iskrappjar | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 175 metru<br>Wisa': 40 metru<br>Fond: 10 metri | Is-sit għandu permess biex jopera; dan il-permess għandu limitazzjonijiet u kundizzjonijiet biex jopera mingħajr ma jkun ta' ħsara għall-ambjent. | Approvazzjoni espliċita | 30 000 (26) | is-26 ta' Jannar 2026 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Sagro Aannemingsmaatschappij Zeeland B.V.**<br>Estlandweg 10<br>4455 SV Nieuwdorp<br>In-Netherlands<br>Telefown: +31113351710<br>Posta elettronika: slf@sagro.nl | Azzjonijiet preparatorji mal-moll, imtella' fuq l-art għall-iskrappjar | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 120 metru<br>Wisa': 20 metru<br>Fond: 6 metri | Is-sit għandu permess biex jopera; dan il-permess għandu limitazzjonijiet u kundizzjonijiet biex jopera mingħajr ma jkun ta' ħsara għall-ambjent. | Approvazzjoni espliċita | 15 000 ([27]) | it-28 ta' Marzu 2024 |
| **Scheepssloperij Nederland B.V.**<br>Havenweg 1<br>3295 XZ<br>s-Gravendeel<br>Postbus 5234<br>3295 ZJ<br>s-Gravendeel<br>In-Netherlands<br>Telefown: +31 18 046 39 90<br>Posta elettronika: gsnoek@sloperij-nederland.nl | Irmiġġ fl-ilma u skal | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 200 metru<br>Wisa': 33 metru<br>Fond: 5,5 metri<br>Gholi: 45 metru (Botlekbridge) | Is-sit għandu permess biex jopera; dan il-permess għandu limitazzjonijiet u kundizzjonijiet biex jopera mingħajr ma jkun ta' ħsara għall-ambjent.<br>Azzjonijiet preparatorji li jsiru mal-moll, sakemm il-buq ikun jista' jiġi rmunkat fuq l-iskal permezz ta' winċ b'kapaċità ta' ġbid ta' 2 000 tunnellata. | Approvazzjoni espliċita | 17 500 ([28]) | it-12 ta' Mejju 2026 |
| IN-NORVEĠJA | | | | | | |
| **ADRS Decom Gulen**<br>Indirizz tal-faċilità:<br>Sløvågen 2,<br>5960 Dalsøyra,<br>In-Norveġja<br>Indirizz tal-uffiċċju:<br>Statsminister Michelsens vei 38,<br>5230 Paradis,<br>In-Norveġja<br>https://adrs.no/ | Laterali, skal, baċir imbattal mill-ilma/baċir mimli bl-ilma | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013.<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 360 metru<br>Wisa': Bla limitu<br>Fond: Bla limitu | Ara l-permess nazzjonali Nru 2019,0501.T | Approvazzjoni espliċita | 0 ([29]) | l-1 ta' Ottubru 2024 |
| **AF Offshore Decom**<br>Raunesvegen 597,<br>5578 Nedre Vats<br>In-Norveġja<br>https://afgruppen.no/selskaper/af-offshore-decom/ | Laterali | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 290 metru<br>Wisa': bla limitu<br>Fond: bla limitu | Ara l-permess nazzjonali Nru 2005,0038.T | Approvazzjoni espliċita | 31 000 ([30]) | it-28 ta' Jannar 2024 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Green Yard AS**<br>Angholmen,<br>4485 Feda,<br>In-Norveġja<br>www.greenyard.no | Baċir imbattal mill-ilma (ġewwa), skal | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 230 metru<br>Wisa': 25 metru<br>Fond: 20 metru | Ara l-permess nazzjonali Nru 2018,0833.T<br>L-operazzjonijiet ewlenin ta' żarmar iridu jsiru fuq ġewwa.<br>L-uniċi operazzjonijiet ta' żarmar u ta' qtugħ li jitħallew isiru fil-beraħ huma l-operazzjonijiet żgħar meħtieġa biex jitwaħħlu l-bastimenti mal-faċilità ta' fuq ġewwa. Għal aktar dettalji ara l-permess. | Approvazzjoni espliċita | 0 [31] | it-28 ta' Jannar 2024 |
| **Green Yard Kleven AS**<br>6065 Ulsteinvik<br>In-Norveġja<br>www.kleven.no | Laterali, skal | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 170 metru<br>Wisa': 35 metru<br>Fond: Bla limitu | Ara l-permess nazzjonali Nru 2021,0011.T | Approvazzjoni espliċita | 0 [32] | id-9 ta' April 2026 |
| **Fosen Gjenvinning AS**<br>Stokksundveien 1432,<br>7177 Revsnes<br>In-Norveġja<br>Telefown: +47 400 39 479 Posta Elettronika:<br>knut@fosengjenvinning.no | Laterali | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013, għajr riggijiet jew vapuri użati għall-estrazzjoni ta' idrokarburi<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 150 metru<br>Wisa': 20 metru<br>Fond: 7 metri | Ara l-permess nazzjonali Nru 2006,0250.T | Approvazzjoni espliċita | 8 000 [33] | id-9 ta' Jannar 2024 |
| **Aker Solutions AS (Stord)**<br>Eldøyane 59<br>5411 Stord<br>In-Norveġja<br>www.akersolutions.com | Laterali (irmiġġ fl-ilma), skal | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 230 metru<br>Wisa': Bla limitu<br>Fond: Bla limitu | Ara l-permess nazzjonali Nru 2013,0111.T | Approvazzjoni espliċita | 43 000 [34] | it-28 ta' Jannar 2024 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Lutelandet Industrihamn**<br>Lutelandet Offshore AS<br>6964 Korssund,<br>In-Norveġja<br>www.lutelandetoffshore.com | Laterali | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: Bla limitu<br>Wisa': Bla limitu<br>Fond: Bla limitu | Ara l-permess nazzjonali Nru 2014,0646.T | Approvazzjoni espliċita | 14 000 ([35]) | it-28 ta' Jannar 2024 |
| **Norscrap West AS**<br>Hanøytangen 122,<br>5310 Hauglandhella,<br>In-Norveġja<br>www.norscrap.no | Laterali, skal li jżomm f'wiċċ l-ilma, baċir imbattal mill-ilma | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 150 metru<br>Wisa': 34 metru<br>Fond: bla limitu | Ara l-permess nazzjonali Nru 2017,0864.T<br>Massimu ta' 8 000 LDT fuq skal li jżomm f'wiċċ l-ilma. Il-bastimenti li jaqbżu t-8 000 LDT jeħtieġ li jitnaqqsu qabel ma jidħlu fl-iskal | Approvazzjoni espliċita | 4 500 ([36]) | l-1 ta' Marzu 2024 |
| IL-FINLANDJA | | | | | | |
| **Turun Korjaustelakka Oy (Turku Repair Yard Ltd)**<br>Navirentie, 21100 Naantali<br>il-Finlandja<br>Telefown: +358 2 44 511<br>Posta elettronikatry@turkurepairyard.com | Laterali, baċir imbattal mill-ilma | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 250 metru<br>Wisa': 40 metru<br>Pixka: 7,9 metri | Il-limitazzjonijiet huma inklużi fl-awtorizzazzjoni ambjentali integrata. | Approvazzjoni espliċita | 20 000 ([37]) | l-1 ta' Ottubru 2023 |
| IR-RENJU UNIT – L-IRLANDA TA' FUQ | | | | | | |
| **Harland and Wolff (Belfast) Ltd**<br>Queen's Island<br>Belfast<br>BT3 9DU<br>Telefown +44(0)2890534189<br>Faks +44(0)2890458515<br>Posta elettronika Eoghan.Rainey@harland-wolff.com | Baċir imbattal mill-ilma u rmiġġ fl-ilma | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 556 metru<br>Wisa': 93 metru<br>Pixka: 7,5 metri<br>DWT: 550 000 | Is-sit huwa awtorizzat b'liċenzja għall-immaniġġjar tal-iskart, bin-numru tal-awtorizzazzjoni LN/20/11 li tillimita l-operazzjonijiet u timponi kundizzjonijiet fuq l-operatur tal-faċilità. | Approvazzjoni espliċita | 12 000 ([38]) | is-16 ta' Ġunju 2025 |

(1) Kif imsemmi fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti.
(2) Kif imsemmi fit-tielet sentenza tal-Artikolu 32(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013.
(3) Id-data tal-iskadenza tal-inklużjoni fil-Lista Ewropea tikkorrispondi mad-data tal-iskadenza tal-permess jew tal-awtorizzazzjoni mogħtija lill-faċilità fl-Istat Membru.
(4) Skont l-informazzjoni mressqa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti tal-faċilità hija ta' 50 000 LDT fis-sena.
(5) Skont l-informazzjoni mressqa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti tal-faċilità hija ta' 30 000 LDT fis-sena.
(6) Skont l-informazzjoni mressqa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti tal-faċilità hija ta' 50 000 LDT fis-sena.
(7) Skont l-informazzjoni mressqa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti tal-faċilità hija ta' 30 000 LDT fis-sena.
(8) Skont l-informazzjoni mressqa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti tal-faċilità hija ta' 200 000 LDT fis-sena.
(9) Skont l-informazzjoni mressqa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti tal-faċilità hija ta' 50 000 LDT fis-sena.
(10) Skont l-informazzjoni mressqa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti tal-faċilità hija ta' 45 000 LDT fis-sena.
(11) Skont l-informazzjoni mressqa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti tal-faċilità hija ta' 36 000 LDT fis-sena.
(12) Skont l-informazzjoni mressqa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti tal-faċilità hija ta' 6000 LDT fis-sena.
(13) Skont l-informazzjoni mressqa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti tal-faċilità hija ta' 60 000 LDT fis-sena.
(14) Skont l-informazzjoni mressqa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti tal-faċilità hija ta' 15 000 LDT fis-sena.
(15) Skont l-informazzjoni mressqa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti tal-faċilità hija ta' 12 000 LDT fis-sena.
(16) Skont l-informazzjoni mressqa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti tal-faċilità hija ta' 23 000 LDT fis-sena.
(17) Skont l-informazzjoni mressqa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti tal-faċilità hija ta' 40 000 LDT fis-sena.
(18) Skont l-informazzjoni mressqa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti tal-faċilità hija ta' 60 000 LDT fis-sena.
(19) Skont l-informazzjoni mressqa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti tal-faċilità hija ta' 10 000 LDT fis-sena.
(20) Skont il-permess tagħha, il-faċilità hija awtorizzata tirriċikla massimu ta' 30 000 LDT fis-sena.
(21) Skont il-permess tagħha, il-faċilità hija awtorizzata tirriċikla massimu ta' 6 000 LDT fis-sena.
(22) Skont il-permess tagħha, il-faċilità hija awtorizzata tirriċikla massimu ta' 10 000 LDT fis-sena.
(23) Skont il-permess tagħha, il-faċilità hija awtorizzata tirriċikla massimu ta' 45 000 LDT fis-sena.
(24) Skont il-permess tagħha, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti tal-faċilità hija ta' 100 000 LDT fis-sena.
(25) Skont il-permess tagħha, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti tal-faċilità hija ta' 47 500 LDT fis-sena.
(26) Skont il-permess tagħha, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti tal-faċilità hija ta' 100 000 LDT fis-sena.
(27) Skont il-permess tagħha, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti tal-faċilità hija ta' 100 000 LDT fis-sena.
(28) Skont il-permess tagħha, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti tal-faċilità hija ta' 40 000 LDT fis-sena.
(29) Skont il-permess tagħha, il-faċilità hija awtorizzata tirriċikla massimu ta' 75 000 LDT fis-sena.
(30) Skont il-permess tagħha, il-faċilità hija awtorizzata tirriċikla massimu ta' 75 000 LDT fis-sena.
(31) Skont il-permess tagħha, il-faċilità hija awtorizzata tirriċikla massimu ta' 30 000 LDT fis-sena.
(32) Skont il-permess tagħha, il-faċilità hija awtorizzata tirriċikla massimu ta' 30 000 LDT fis-sena.
(33) Skont il-permess tagħha, il-faċilità hija awtorizzata tirriċikla massimu ta' 10 000 LDT fis-sena.
(34) Skont il-permess tagħha, il-faċilità hija awtorizzata tirriċikla massimu ta' 85 000 LDT fis-sena.
(35) Skont il-permess tagħha, il-faċilità hija awtorizzata tirriċikla massimu ta' 200 000 LDT fis-sena.
(36) Skont il-permess tagħha, il-faċilità hija awtorizzata tirriċikla massimu ta' 100 000 LDT fis-sena
(37) Skont l-informazzjoni mressqa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti tal-faċilità hija ta' 40 000 LDT fis-sena.
(38) Skont il-permess tagħha, il-faċilità hija awtorizzata tirriċikla massimu ta' 300 000 LDT fis-sena.

PARTI B

**Il-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti li jinsabu f'pajjiż terz**

| Isem il-faċilità | Metodu ta' riċiklaġġ | Tip u daqs ta' bastimenti li jistgħu jiġu riċiklati | Limitazzjonijiet u kundizzjonijiet għall-operat tal-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, inkluż fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart perikoluż | Dettalji dwar il-proċedura espliċita jew taċita għall-approvazzjoni tal-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti mill-awtorità kompetenti ([1]) | Ammont massimu annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, ikkalkulat bħala s-somma tal-piż tal-bastimenti li jkunu ġew riċiklati f'sena partikolari f'dik il-faċilità, espress bħala LDT ([2]) | Data tal-iskadenza tal-inklużjoni fil-Lista Ewropea ([3]) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| IT-TURKIJA | | | | | | |
| **Avsar Gemi Sokum San. Dis Tic. Ltd. Sti.**<br>Gemi Söküm Tesisleri,<br>Parcel 5 Aliağa<br>İzmir 35800,<br>It-Turkija<br>Telefown: +90 232 618 21 07 – 08 - 09<br>Posta elettronika:<br>info@avsargemiltd.com | Ħatt l-art | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013, għajr riggijiet<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: bla limitu<br>Wisa': 50 metru<br>Pixka: 15-il metru | Is-sit għandu Permess taż-Żarmar tal-Bastimenti, maħruġ mill-Ministeru għall-Ambjent u l-Ippjanar Urban, u Ċertifikat ta' Awtorizzazzjoni għaż-Żarmar ta' Bastimenti, maħruġ mill-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura, li fihom limitazzjonijiet u kundizzjonijiet li l-faċilità topera skonthom. | Approvazzjoni taċita, b'perjodu massimu ta' rieżami ta' 15-il jum<br>Il-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti (SRP) huwa parti minn sett ta' dokumenti, sttharriġiet u permessi/liċenzji li jitressqu lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jinkiseb permess għaż-żarmar ta' bastiment. L-SRP la huwa espliċitament approvat u lanqas miċħud bħala dokument għalih waħdu. | 54 224 ([4]) | it-2 ta' Diċembru 2025 |
| **Isiksan Gemi Sokum Pazarlama Ve Tic. A.Ş**<br>Gemi Söküm Tesisleri,<br>Parcel 22 Aliağa<br>İzmir 35800,<br>It-Turkija<br>Telefown: +90 232 618 21 65<br>Posta elettronika:<br>info@isiksanship.com<br>www.isiksanship.com | Ħatt l-art | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: bla limitu<br>Wisa': 75 metru<br>Pixka: 17-il metru | Is-sit għandu Permess taż-Żarmar tal-Bastimenti, maħruġ mill-Ministeru għall-Ambjent u l-Ippjanar Urban, u Ċertifikat ta' Awtorizzazzjoni għaż-Żarmar ta' Bastimenti, maħruġ mill-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura, li fihom limitazzjonijiet u kundizzjonijiet li l-faċilità topera skonthom. | Approvazzjoni taċita, b'perjodu massimu ta' rieżami ta' 15-il jum<br>Il-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti (SRP) huwa parti minn sett ta' dokumenti, sttharriġiet u permessi/liċenzji li jitressqu lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jinkiseb permess għaż-żarmar ta' bastiment. L-SRP la huwa espliċitament approvat u lanqas miċħud bħala dokument għalih waħdu. | 91 851 ([5]) | is-7 ta' Lulju 2024 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **EGE CELIK SAN. VE TIC. A.S.**<br>Gemi Söküm Tesisleri,<br>Parcel 10 Aliağa,<br>Izmir 35800,<br>It-Turkija<br>Telefown: +90 232 618 21 62<br>Posta elettronika:<br>pamirtaner@egecelik.com | Ħatt l-art | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: bla limitu<br>Wisa': 50 metru<br>Pixka: 15-il metru | Is-sit għandu Permess taż-Żarmar tal-Bastimenti, maħruġ mill-Ministeru għall-Ambjent u l-Ippjanar Urban, u Ċertifikat ta' Awtorizzazzjoni għaż-Żarmar ta' Bastimenti, maħruġ mill-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura, li fihom limitazzjonijiet u kundizzjonijiet li l-faċilità topera skonthom. | Approvazzjoni taċita, b'perjodu massimu ta' rieżami ta' 15-il jum<br>Il-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti (SRP) huwa parti minn sett ta' dokumenti, sttharriġiet u permessi/liċenzji li jitressqu lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jinkiseb permess għaż-żarmar ta' bastiment. L-SRP la huwa espliċitament approvat u lanqas miċħud bħala dokument għalih waħdu. | 55 503 ([6]) | it-12 ta' Frar 2025 |
| **LEYAL GEMİ SÖKÜM SANAYİ ve TİCARET LTD.**<br>Gemi Söküm Tesisleri,<br>Parcel 3-4 Aliağa,<br>Izmir 35800,<br>It-Turkija<br>Telefown: +90 232 618 20 30<br>Posta elettronika: info@leyal.com.tr | Ħatt l-art | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: bla limitu<br>Wisa': 100 metru<br>Pixka: 15-il metru | Is-sit għandu Permess taż-Żarmar tal-Bastimenti, maħruġ mill-Ministeru għall-Ambjent u l-Ippjanar Urban, u Ċertifikat ta' Awtorizzazzjoni għaż-Żarmar ta' Bastimenti, maħruġ mill-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura, li fihom limitazzjonijiet u kundizzjonijiet li l-faċilità topera skonthom. | Approvazzjoni taċita, b'perjodu massimu ta' rieżami ta' 15-il jum<br>Il-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti (SRP) huwa parti minn sett ta' dokumenti, sttharriġiet u permessi/liċenzji li jitressqu lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jinkiseb permess għaż-żarmar ta' bastiment. L-SRP la huwa espliċitament approvat u lanqas miċħud bħala dokument għalih waħdu. | 55 495 ([7]) | id-9 ta' Diċembru 2023 |
| **LEYAL-DEMTAŞ GEMİ SÖKÜM SANAYİ ve TİCARET A.Ş.**<br>Gemi Söküm Tesisleri,<br>Parcel 25 Aliağa,<br>Izmir 35800,<br>It-Turkija<br>Telefown: +90 232 618 20 65<br>Posta elettronika:<br>demtas@leyal.com.tr | Ħatt l-art | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: bla limitu<br>Wisa': 63 metru<br>Pixka: 15-il metru | Is-sit għandu Permess taż-Żarmar tal-Bastimenti, maħruġ mill-Ministeru għall-Ambjent u l-Ippjanar Urban, u Ċertifikat ta' Awtorizzazzjoni għaż-Żarmar ta' Bastimenti, maħruġ mill-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura, li fihom limitazzjonijiet u kundizzjonijiet li l-faċilità topera skonthom. | Approvazzjoni taċita, b'perjodu massimu ta' rieżami ta' 15-il jum<br>Il-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti (SRP) huwa parti minn sett ta' dokumenti, sttharriġiet u permessi/liċenzji li jitressqu lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jinkiseb permess għaż-żarmar ta' bastiment. L-SRP la huwa espliċitament approvat u lanqas miċħud bħala dokument għalih waħdu. | 50 350 ([8]) | id-9 ta' Diċembru 2023 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **ÖGE GEMİ SÖKÜM İTH. İHR. TİC. SAN.AŞ.**<br>Gemi Söküm Tesisleri,<br>Parcel 23 Aliağa,<br>Izmir 35800,<br>It-Turkija<br>Telefown: +90 232 618 21 05<br>Posta elettronika:<br>oge@ogegemi.com<br>www.ogegemi.com | Ħatt l-art | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: bla limitu<br>Wisa': 70 metru<br>Pixka: 15-il metru | Is-sit għandu Permess taż-Żarmar tal-Bastimenti, maħruġ mill-Ministeru għall-Ambjent u l-Ippjanar Urban, u Ċertifikat ta' Awtorizzazzjoni għaż-Żarmar ta' Bastimenti, maħruġ mill-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura, li fihom limitazzjonijiet u kundizzjonijiet li l-faċilità topera skonthom. | Approvazzjoni taċita, b'perjodu massimu ta' rieżami ta' 15-il jum Il-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti (SRP) huwa parti minn sett ta' dokumenti, sttharriġiet u permessi/liċenzji li jitressqu lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jinkiseb permess għaż-żarmar ta' bastiment. L-SRP la huwa espliċitament approvat u lanqas miċħud bħala dokument għalih waħdu. | 62 471 [9] | it-12 ta' Frar 2025 |
| **Simsekler Gida Gemi Sokum Insaat Sanayi Tic. Ltd.Sti**<br>Gemi Söküm Tesisleri,<br>Parcel 11-12 Aliağa,<br>Izmir 35800,<br>It-Turkija<br>Telefown: +90 232 618 20 36<br>Posta elettronika:<br>shipyard@simseklergroup.com.tr | Ħatt l-art | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: bla limitu<br>Wisa': 95 metru<br>Pixka: 15-il metru | Is-sit għandu Permess taż-Żarmar tal-Bastimenti, maħruġ mill-Ministeru għall-Ambjent u l-Ippjanar Urban, u Ċertifikat ta' Awtorizzazzjoni għaż-Żarmar ta' Bastimenti, maħruġ mill-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura, li fihom limitazzjonijiet u kundizzjonijiet li l-faċilità topera skonthom. | Approvazzjoni taċita, b'perjodu massimu ta' rieżami ta' 15-il jum Il-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti (SRP) huwa parti minn sett ta' dokumenti, sttharriġiet u permessi/liċenzji li jitressqu lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jinkiseb permess għaż-żarmar ta' bastiment. L-SRP la huwa espliċitament approvat u lanqas miċħud bħala dokument għalih waħdu. | 51 569 [10] | it-2 ta' Diċembru 2025 |
| **Sök Denizcilik Tic. Ltd. Sti**<br>Gemi Söküm Tesisleri,<br>Parcel 8-9 Aliağa,<br>Izmir 35800,<br>It-Turkija<br>Telefown: +90 232 618 2092<br>Posta elettronika:<br>info@sokship.com | Ħatt l-art | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: bla limitu<br>Wisa': 90 metru<br>Pixka: 15-il metru | Is-sit għandu Permess taż-Żarmar tal-Bastimenti, maħruġ mill-Ministeru għall-Ambjent u l-Ippjanar Urban, u Ċertifikat ta' Awtorizzazzjoni għaż-Żarmar ta' Bastimenti, maħruġ mill-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura, li fihom limitazzjonijiet u kundizzjonijiet li l-faċilità topera skonthom. | Approvazzjoni taċita, b'perjodu massimu ta' rieżami ta' 15-il jum Il-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti (SRP) huwa parti minn sett ta' dokumenti, sttharriġiet u permessi/liċenzji li jitressqu lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jinkiseb permess għaż-żarmar ta' bastiment. L-SRP la huwa espliċitament approvat u lanqas miċħud bħala dokument għalih waħdu. | 66 167 [11] | it-12 ta' Frar 2025 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| IR-RENJU UNIT | | | | | | |
| **Dales Marine Services Ltd**<br>Imperial Dry Dock<br>Leith<br>Edinburgh<br>EH6 7DR<br>Telefown: + 44 (0)<br>131 454 3380; + 44 (0)<br>770 380 6067<br>Posta elettronika: b.<br>robertson@dalesmarine.co.uk | Baċir imbattal mill-ilma u rmiġġ fl-ilma | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013, għajr ir-riggijiet<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 165 metru<br>Wisa’: 20 metru<br>Pixka: 7,7 metri | Is-sit huwa awtorizzat b’liċenzja għall-immaniġġjar tal-iskart, bin-numru tal-awtorizzazzjoni WML/L/1157331 li tillimita l-operazzjonijiet u timponi kundizzjonijiet fuq l-operatur tal-faċilità. | Approvazzjoni espliċita | 5 019 ([12]) | it-22 ta’ Mejju 2027 |
| **Kishorn Port Ltd**<br>Kishorn Base<br>Kishorn<br>Strathcarron<br>IV54 8XA<br>Ir-Renju Unit<br>Telefown: +44 (0)<br>139 777 3840<br>Posta elettronika:<br>enquiries@kishornportltd.<br>com<br>alasdair@kishornportltd.com | Baċir imbattal mill-ilma | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 140 metru<br>Wisa’: 100 metru<br>Pixka: 12-il metru | Is-sit huwa awtorizzat b’liċenzja għall-immaniġġjar tal-iskart, bin-numru tal-awtorizzazzjoni WML/L/1175043, li tillimita l-operazzjonijiet u timponi kundizzjonijiet fuq l-operatur tal-faċilità. | Approvazzjoni espliċita | 1 200 ([13]) | it-22 ta’ Mejju 2027 |
| L-ISTATI UNITI TAL-AMERKA | | | | | | |
| **International Shipbreaking Limited L.L.C**<br>18601 R.L Ostos Road<br>Brownsville TX, 78521<br>L-Istati Uniti<br>Telefown: 956-831-2299<br>Posta elettronika: chris.<br>green@internationalshipbreak<br>ing.com<br>robert.<br>berry@internationalshipbreak<br>ing.com | Laterali (irmiġġ fl-ilma), rampa | Bastimenti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 366 metru<br>Wisa’: 48 metru<br>Pixka: 9 metri | Il-kundizzjonijiet li skonthom il-faċilità hija awtorizzata topera huma definiti fil-permessi, fiċ-ċertifikati u fl-awtorizzazzjonijiet maħruġa lill-faċilità mill-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent, mill-Kummissjoni ta’ Texas dwar il-Kwalità Ambjentali, mill-Uffiċċju tal-Artijiet Ġenerali ta’ Texas u mill-Gwardja tal-Kosta tal-Istati Uniti. | Bħalissa ma hemm l-ebda proċedura fil-liġi tal-Istati Uniti tal-Amerka marbuta mal-approvazzjoni tal-pjanijiet ta’ riċiklaġġ tal-bastimenti | 120 000 ([14]) | i-<br>d-<br>-9 ta’ Diċembru 2023” |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | L-Att dwar il-Kontroll ta' Sustanzi Tossiċi tal-Istati Uniti jipprojbixxi l-importazzjoni fl-Istati Uniti ta' bastimenti b'bandiera barranija li fihom konċentrazzjonijiet ta' PCB ta' akbar minn 50 parti għal kull miljun.<br>Il-faċilità għandha żewġ skalijiet bir-rampi għar-riċiklaġġ finali tal-bastimenti (Skal tal-Lvant u Skal tal-Punent). Il-bastimenti li jtajru bandiera tal-Istati Membri tal-UE għandhom jiġu riċiklati biss fuq ir-rampa tal-iSkal tal-Lvant. | | | |

(1) Kif imsemmi fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti

(2) Kif imsemmi fit-tielet sentenza tal-Artikolu 32(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013

(3) L-inklużjoni ta' faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti li tinsab f'pajjiż terz fil-Lista Ewropea hija valida għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni rilevanti li tipprevedi l-inklużjoni ta' dik il-faċilità, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

(4) Il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti tal-faċilità hija ta' 60 000 LDT fis-sena.

(5) Il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti tal-faċilità hija ta' 120 000 LDT fis-sena.

(6) Il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti tal-faċilità hija ta' 60 000 LDT fis-sena.

(7) Il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti tal-faċilità hija ta' 80 000 LDT fis-sena.

(8) Il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti tal-faċilità hija ta' 60 000 LDT fis-sena.

(9) Il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti tal-faċilità hija ta' 90 000 LDT fis-sena.

(10) Il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti tal-faċilità hija ta' 70 000 LDT fis-sena.

(11) Il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti tal-faċilità hija ta' 100 000 LDT fis-sena.

(12) Skont il-permess tagħha, il-faċilità hija awtorizzata tirriċikla massimu ta' 7 275 LDT fis-sena.

(13) Skont il-permess tagħha, il-faċilità hija awtorizzata tirriċikla massimu ta' 40 165 LDT fis-sena.

(14) Il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti tal-faċilità hija ta' 120 000 LDT fis-sena."

# REGOLI TA' PROĊEDURA

## Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri u l-Membri preċedenti tal-Qorti

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI ("il-Qorti"),

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 285, 286 u 339 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti, u b'mod partikolari l-Artikoli 3 u 34(1) tagħhom, u r-Regoli għall-Implimentazzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti, b'mod partikolari l-Artikolu 81(4) tagħhom,

Billi l-Membri tal-Qorti huma meħtieġa, fl-interess ġenerali tal-Unjoni, li jkunu kompletament indipendenti fl-eżekuzzjoni ta' dmirijiethom, li ma jihdux u lanqas jirċievu struzzjonijiet minn kwalunkwe gvern jew kwalunkwe korp ieħor, u li joqogħdu lura milli jwettqu xi azzjoni li mhijiex kompatibbli ma' dmirijiethom,

Billi, fil-bidu tal-kariga tagħhom, il-Membri tal-Qorti jintrabtu solennement li, kemm matul kif ukoll wara li tintemm il-kariga tagħhom, jirrispettaw l-obbligazzjonijiet li jiġu minn din il-kariga,

Billi l-Membri għandhom responsabbiltà speċjali fi kwistjonijiet etiċi peress li, permezz tal-eżempju tagħhom, għandhom influwenza sinifikanti fuq il-kultura tal-organizzazzjoni u fuq l-iffaċilitar ta' ambjent tax-xogħol tajjeb,

Billi dan il-Kodiċi ta' Kondotta jirrifletti l-valuri u l-prinċipji etiċi fundamentali stipulati, pereżempju, fil-Kodiċi ta' Etika tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (ISSAI 130), bħall-integrità, l-indipendenza u l-oġġettività, il-kompetenza, l-imġiba professjonali, il-kunfidenzjalità u t-trasparenza,

Billi l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Qorti tat-8 ta' Frar 2012 jeħtieġ li jiġi rivedut sabiex jittieħed kont tal-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tiegħu u biex il-Qorti tiżgura l-ogħla standards etiċi, kif mistenni mill-Membri tal-Qorti, u biex jittieħed kont tal-konklużjonijiet tar-rapport ta' evalwazzjoni bejn il-pari dwar il-qafas etiku tal-Qorti kkompletat fl-2019 mill-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-Kroazja u tal-Polonja,

Billi, sabiex jiġu żgurati trasparenza u konsistenza akbar, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet rilevanti kollha rigward l-obbligi etiċi tal-Membri jiġu fużi f'dan il-Kodiċi ta' Kondotta, li jifforma parti integrali mir-Regoli għall-Implimentazzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti,

Billi l-Qorti adottat politika għaż-żamma ta' ambjent sodisfaċenti tax-xogħol u l-ġlieda kontra l-fastidju psikoloġiku u sesswali,

Billi jenħtieġ li ċerti obbligi li jirriżultaw minn dan il-Kodiċi ta' Kondotta b'rabta mal-Membri tal-Qorti japplikaw ukoll għall-Membri preċedenti sabiex ikunu kompletament effettivi,

Iddeċidiet li tadotta l-*Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri u l-Membri preċedenti tal-Qorti* li ġej:

*L-Artikolu 1*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Dan il-Kodiċi ta' Kondotta għandu japplika għall-Membri tal-Qorti u, fejn jiġi speċifikat b'mod espliċitu, għall-Membri preċedenti tal-Qorti.

## I. **VALURI U PRINĊIPJI**

*L-Artikolu 2*

### Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Il-Membri għandhom josservaw l-ogħla standards ta' kondotta etika u, permezz tal-azzjonijiet tagħhom, ikunu ta' xempju ta' etika.

2. Il-Membri għandhom josservaw il-valuri u l-prinċipji etiċi li ġejjin: l-integrità, l-indipendenza, l-oġġettività, il-kompetenza, l-imġiba professjonali, il-kunfidenzjalità u t-trasparenza, id-dinjità, l-impenn u l-lealtà, id-diskrezzjoni u l-kolleġġjalità.

*L-Artikolu 3*

### Integrità

1. Il-Membri għandhom jaġixxu b'mod onest, affidabbli, *in bona fide* u unikament fl-interess pubbliku.

2. Il-Membri għandhom joqogħdu lura milli jaċċettaw kwalunkwe rigal jew benefiċċju simili b'valur ta' aktar minn EUR 150. Il-Membri għandhom joqogħdu lura wkoll milli jaċċettaw il-pagament mingħand partijiet terzi ta' spejjeż għas-sussistenza jew tal-ivvjaġġar manifestament sproporzjonati.

3. Il-Membri ma jistgħux jaċċettaw pagament għal kwalunkwe tip ta' attività esterna li jkunu wettqu jew xogħol li jkunu ppubblikaw matul il-kariga tagħhom.

4. Il-Membri għandhom jużaw l-infrastruttura u r-riżorsi mqiegħda għad-dispożizzjoni tagħhom f'konformità sħiħa mar-regoli ġenerali u speċifiċi stabbiliti għal dak l-iskop, u b'mod partikolari d-deċiżjonijiet tal-Qorti fis-seħħ li jikkonċernaw il-proċedura għar-reklutaġġ ta' persunal għal kabinetti tal-Membri, l-ispejjeż tar-rappreżentazzjoni u tar-riċevimenti, u l-użu tal-karozzi uffiċjali tal-Qorti.

5. Il-Membri tal-Qorti għandhom jagħżlu l-membri tal-kabinetti tagħhom b'kont meħud tan-natura eżiġenti tal-funzjoni, il-profili professjonali meħtieġa u l-ħtieġa li jistabbilixxu relazzjoni bbażata fuq fiduċja reċiproka bejniethom u l-membri tal-kabinetti tagħhom. Il-konjuġi, is-sħab u l-membri tal-familja fil-linja diretta ma għandhomx jiffurmaw parti mill-kabinetti tal-Membri tal-Qorti.

*L-Artikolu 4*

### Indipendenza

1. Il-Membri għandhom ikunu ħielsa minn ċirkustanzi jew influwenzi li jikkompromettu, jew li jistgħu jidhru li qegħdin jikkompromettu, il-ġudizzju professjonali tagħhom.

2. Il-Membri la għandhom ifittxu u lanqas jieħdu struzzjonijiet minn kwalunkwe istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni, jew mingħand xi gvern jew entità pubblika jew privata oħra.

3. Il-Membri għandhom jibqgħu indipendenti mill-influwenza politika. B'mod partikolari, huma ma jistgħu jwettqu l-ebda kariga politika.

4. Ir-relazzjonijiet tal-Membri ma' gruppi ta' interess għandhom ikunu kompatibbli mal-ħtieġa li tiġi ppreservata l-indipendenza tagħhom.

*L-Artikolu 5*

### Oġġettività

1. Il-Membri għandhom jaġixxu b'mod imparzjali u mingħajr preġudizzju.

2. Il-Membri għandhom jevitaw kwalunkwe sitwazzjoni li tista' tirriżulta f'kunflitt ta' interess, jew li b'mod oġġettiv tista' tiġi pperċepita bħala tali. Kunflitt ta' interess jirriżulta meta jkun hemm interess personali li jista' jinfluwenza t-twettiq indipendenti tad-dmirijiet ta' Membru. L-interessi personali jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, kwalunkwe benefiċċju jew vantaġġ potenzjali għall-Membri infushom, il-konjuġi, is-sħab jew il-membri tal-familja tagħhom fil-linja diretta.

*L-Artikolu 6*

**Kompetenza**

Il-Membri għandhom jiżviluppaw u jżommu għarfien u ħiliet rilevanti għal dmirijiethom, għandhom jaġixxu skont l-istandards applikabbli u bid-diliġenza dovuta.

*L-Artikolu 7*

**Imġiba professjonali**

1. Il-Membri għandhom jikkonformaw mar-regoli applikabbli stabbiliti fit-Trattati u fil-leġiżlazzjoni sekondarja, u dawk stabbiliti mill-Qorti. Huma għandhom jevitaw kwalunkwe mġiba li tista' tiskredita lill-Qorti.

2. Il-Membri tal-Qorti għandhom ikunu konxji mill-importanza tad-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom; huma għandhom, billi jmexxu bl-eżempju, jieħdu inkunsiderazzjoni n-natura pubblika ta' dmirijiethom u għandhom iġibu ruħhom b'mod li jżomm u jippromwovi l-fiduċja tal-pubbliku fil-Qorti.

*L-Artikolu 8*

**Kunfidenzjalità u trasparenza**

1. Il-Membri għandhom jirrispettaw in-natura kunfidenzjali tax-xogħol tal-Qorti. Huma ma jistgħux jiddivulgaw informazzjoni kunfidenzjali tat-tip kopert mill-obbligu tas-segretezza professjonali, kif speċifikat fl-Artikolu 339 TFUE.

2. Il-Membri għandhom ikunu responsabbli għat-trattament xieraq ta' kwalunkwe dokument ikklassifikat, kunfidenzjali jew sensittiv u informazzjoni li jkunu ltaqgħu magħhom huma stess jew il-kabinett tagħhom fil-qadi ta' dmirijiethom.

3. Il-Membri ma jistgħux jużaw għal skopijiet personali, kemm jekk għalihom jew f'isem ħaddieħor, kwalunkwe informazzjoni li għandhom aċċess għaliha bis-saħħa tal-pożizzjoni uffiċjali tagħhom u li mhijiex disponibbli għall-pubbliku ġenerali.

4. Il-Membri għandhom ikunu konxji mill-fatt li l-kariga pubblika tagħhom tirrikjedi trasparenza u obbligu ta' rendikont imsaħħa lejn il-pubbliku. Huma għandhom iżommu bilanċ bejn il-ħtieġa għat-trasparenza u l-kunfidenzjalità.

*L-Artikolu 9*

**Dinjità**

1. Il-Membri għandhom jirrispettaw id-dinjità tal-kariga tagħhom u ma għandhomx jesprimu ruħhom, ikun xi jkun il-mezz, b'mod li jaffettwa b'mod avvers il-perċezzjoni pubblika tal-kariga tagħhom.

2. Il-Membri għandhom iġibu ruħhom b'mod kordjali u rispettuż. Huma għandhom jistabbilixxu u jżommu ambjent tax-xogħol fejn tiġi skoraġġuta kwalunkwe mġiba li tista' ddgħajjef id-dinjità ta' individwu.

*L-Artikolu 10*

**Impenn u lealtà**

1. Il-Membri tal-Qorti għandhom jiddedikaw lilhom infushom għall-qadi tal-mandat tagħhom. Huma għandhom jirrisjedu fil-post fejn il-Qorti għandha s-sede tagħha.

2. Huma għandhom jattendu għal-laqgħat tal-Qorti, tal-Awli u tal-Kumitati li jagħmlu parti minnhom, skont l-Artikolu 6 tar-Regoli għall-Implimentazzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti.

3. Fl-ispirtu tal-lealtà, huma għandhom jipprovdu l-appoġġ kostanti tagħhom lill-Qorti fit-twettiq tal-prerogattivi tagħha.

*L-Artikolu 11*

**Diskrezzjoni u kolleġġjalità**

1. Il-Membri għandhom jaġixxu u jesprimu ruħhom, kemm fi ħdan kif ukoll 'il barra mill-istituzzjoni, bit-trażżin meħtieġ mill-kariga tagħhom.

2. Fiċ-ċirkustanzi kollha, il-Membri għandhom jirrispettaw in-natura kolleġġjali tal-organizzazzjoni tal-Qorti, u jkunu fidili lejn, u jieħdu responsabbiltà kollettiva għal, kwalunkwe deċiżjoni adottata mill-Qorti. Madankollu, il-Membri jistgħu jirrikorru għall-istrumenti ġudizzjarji previsti taħt il-liġi tal-Unjoni Ewropea jekk huma jqisu li dawk id-deċiżjonijiet ikkaġunawlhom ħsara.

3. Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà tal-President għar-relazzjonijiet esterni, il-Membri għandhom l-awtorità 'l barra mill-Qorti biex jikkomunikaw u jikkummentaw fuq kwalunkwe rapport, opinjoni jew informazzjoni li l-Qorti tkun iddeċidiet li tippubblika, suġġett għall-kundizzjonijiet fil-paragrafu 4 ta' hawn taħt.

4. Il-Membri għandhom joqogħdu lura milli jagħmlu kwalunkwe kumment 'il barra mill-Qorti li:

(a) ikun jixħet dubju fuq deċiżjoni meħuda mill-Qorti;

(b) jista' jikkawża dannu għar-reputazzjoni tal-Qorti;

(c) jista' jiġi interpretat bħala dikjarazzjoni tal-pożizzjoni tal-Qorti fuq kwistjonijiet li ma jaqgħux fi ħdan il-kompetenza istituzzjonali tagħha jew li dwarhom il-Qorti ma ħaditx pożizzjoni; jew

(d) jista' jinvolvi lill-Qorti fi kwalunkwe kontroversja, anke wara li tkun intemmet il-kariga tagħhom.

*L-Artikolu 12*

**Attivitajiet Esterni**

1. Il-Membri ma għandhom jinvolvu ruħhom fl-ebda attività professjonali 'l barra mill-Qorti, jew fl-ebda attività esterna oħra, kemm jekk bi qligħ kif ukoll mingħajr, li mhijiex kompatibbli ma' dmirijiethom, kif speċifikat fl-Artikolu 286(3) u (4) TFUE.

2. Skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu, il-Membri jistgħu jkunu awtorizzati jassumu dmirijiet mhux imħallsa f'fondazzjonijiet jew korpi simili fl-isferi legali, xjentifiċi, kulturali, artistiċi, soċjali, sportivi jew tal-karità jew fi stabbilimenti tal-edukazzjoni. Tali dmirijiet ma jistgħux jinkludu rwol maniġerjali, setgħa deċiżjonali, jew responsabbiltà għal, jew kontroll fuq, l-operazzjonijiet tal-korp inkwistjoni, iżda biss rwol rappreżentattiv jew konsultattiv. "Fondazzjoni jew korp simili" tfisser kwalunkwe organizzazzjoni jew assoċjazzjoni mingħajr skop ta' qligħ li tkun involuta f'attivitajiet fl-interess pubbliku fl-oqsma msemmija qabel. Il-Membri għandhom jevitaw kwalunkwe kunflitt ta' interess li jista' jirriżulta, jew li jista' b'mod oġġettiv jiġi pperċepit li jirriżulta, minn dawn il-karigi, b'mod partikolari meta l-korp inkwistjoni jirċievi kwalunkwe tip ta' finanzjament mill-baġit tal-UE.

3. Il-Membri jistgħu jinvolvu ruħhom ukoll fl-attivitajiet esterni li ġejjin, dment li josservaw l-Artikoli 2 u 10:

(a) jagħtu korsijiet fl-interessi tal-integrazzjoni Ewropea, l-istat tad-dritt jew l-etika, jew jagħmlu diskorsi, jew jieħdu sehem f'konferenzi dment li jew ma jsir l-ebda pagament jew, jekk isir xi pagament, li dan jitħallas direttament mill-organizzatur lil karità tal-għażla tal-Membru;

(b) jippubblikaw ktieb jew jiktbu artiklu, dment li kwalunkwe royalty minn xogħlijiet ippubblikati b'rabta mal-funzjonijiet ta' Membru jitħallsu direttament mill-pubblikatur lil karità tal-għażla tal-Membru;

4. L-attivitajiet esterni ma għandhomx

(a) idgħajfu l-imparzjalità tal-Qorti;

(b) joħolqu kunflitt ta' interess, jew b'mod oġġettiv jiġu pperċepiti li joħolqu kunflitt ta' interess;

(c) jieħdu ammont ta' żmien eċċessiv, b'kont meħud tal-impatt kumulattiv tal-attivitajiet esterni totali ta' Membru;

(d) jipprovdu kwalunkwe qligħ pekunjarju lill-Membru.

*L-Artikolu 13*

**Obbligi tal-Membri wara li tintemm il-kariga tagħhom**

1. Wara li jkunu temmew il-kariga tagħhom, il-Membri preċedenti għandhom jirrispettaw dawk l-obbligi li jirriżultaw minn dmirijiethom li jkomplu japplikaw wara tmiem il-kariga, b'mod partikolari d-dmir li jġibu ruħhom b'integrità u diskrezzjoni fir-rigward tal-aċċettazzjoni ta' ċertu ħatriet jew benefiċċji f'konformità mal-Artikolu 286(4) TFUE, u l-obbligi speċifikati f'dan il-Kodiċi ta' Kondotta.

2. Huma għandhom jibqgħu marbuta bid-dmirijiet tad-diskrezzjoni u tal-kolleġġjalità, kif stabbilit fl-Artikolu 11, fir-rigward tal-attivitajiet imwettqa matul il-kariga tagħhom. Skont l-Artikolu 339 TFUE, wara li l-Membri jkunu temmew il-kariga tagħhom, l-obbligu tas-segretezza professjonali għandu jibqa' japplika.

II. **IR-REGOLI TA' PROĊEDURA**

*L-Artikolu 14*

**Dikjarazzjoni ta' Interessi**

1. Il-Membri għandhom jippreżentaw Dikjarazzjoni ta' Interessi:

(a) fi żmien massimu ta' xahar minn meta jieħdu l-kariga;

(b) fuq bażi annwali fil-31 ta' Jannar;

(c) fi kwalunkwe żmien, f'każ ta' tibdil sinifikanti fl-informazzjoni li trid tiġi ddikjarata (inklużi l-attivitajiet esterni l-ġodda koperti mill-paragrafu 10); u

(d) meta jispiċċaw il-kariga tagħhom.

2. Dawn id-Dikjarazzjonijiet ta' Interessi għandhom jiġu ppreżentati lill-President permezz tal-formola fl-Anness I ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta.

3. Id-Dikjarazzjoni ta' Interessi għandu jkollha l-elementi msemmija fil-paragrafi 4 sa 11 ta' dan l-Artikolu.

4. Il-Membri tal-Qorti għandhom jiddikjaraw kwalunkwe interess, assi jew obbligazzjoni li jistgħu joħolqu jew b'mod oġġettiv jiġu pperċepiti li joħolqu kunflitt ta' interess fit-twettiq ta' dmirijiethom.

5. Dawn jinkludu holdings individwali f'kapital ta' kumpanija, b'mod partikolari ishma, u forom oħra ta' holdings bħalma huma bonds konvertibbli jew ċertifikati ta' investiment. Unitajiet f'fiduċjarji ta' unitajiet, li ma jikkostitwux interess dirett f'kapital ta' kumpanija, ma hemmx għalfejn jiġu ddikjarati.

6. Għandha tiġi ddikjarata kwalunkwe proprjetà li tkun taħt sjieda diretta jew sjieda permezz ta' kumpanija immobbiljarja, u għandhom jiġu identifikati l-lok approssimattiv fejn tinsab u n-natura tagħha, bl-eċċezzjoni ta' djar riżervati għall-użu esklussiv tas-sid u tal-familja tiegħu. Dan ma għandux jinkludi l-assi mobbli.

7. Dawn l-obbligi japplikaw għall-interessi finanzjarji tal-konjuġi, is-sħab ([1]) u l-ulied minorenni, meta dawk l-interessi jistgħu jitqiesu kapaċi b'mod oġġettiv li jirriżultaw f'kunflitt ta' interess.

8. Malli jieħdu l-kariga fil-bidu, il-Membri għandhom jiddikjaraw kull attività, professjonali u onorarja, li involvew ruħhom fiha matul it-tliet snin ta' qabel.

9. Sabiex jeliminaw kwalunkwe riskju potenzjali ta' kunflitt ta' interessi, il-Membri għandhom jiddikjaraw kwalunkwe attività professjonali tal-konjuġi jew tas-sħab tagħhom ([2]).

10. Il-Membri għandhom jiddikjaraw l-attivitajiet esterni attwali kollha tagħhom, minbarra li jiddikjarawhom ukoll skont il-proċedura speċifika stabbilita fl-Artikolu 16(1). Dan għandu jeskludi l-attivitajiet esterni li jaqgħu taħt l-Artikolu 12(3).

([1]) Sieħeb stabbli, mhux miżżewweġ, kif iddefinit fl-Artikolu 1(2)(c) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.
([2]) *Ibid.*

11. Il-Membri għandhom jiddikjaraw kwalunkwe dekorazzjoni għall-mertu, premju jew unur mogħtija lilhom.

12. Il-Membri huma responsabbli għad-dikjarazzjonijiet tagħhom stess.

13. Il-President tal-Qorti għandu jeżamina d-dikjarazzjonijiet minn perspettiva formali, bl-appoġġ tas-Servizz Legali. Id-Dikjarazzjoni ta' Interessi li ssir mill-President għandha tiġi eżaminata mill-Membru li jmiss wara l-President skont l-ordni ta' preċedenza, skont l-Artikolu 5 tar-Regoli ta' Proċedura.

14. Wara dan l-eżaminar u b'kunsiderazzjoni tal-protezzjoni tad-*data* personali, dawn id-Dikjarazzjonijiet ta' Interessi għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-Qorti.

15. Il-President għandu jieħu kont tad-dikjarazzjonijiet meta jipproponi l-assenjar tal-Membru lil Awla jew Kumitat tal-Qorti, sabiex jiġi evitat kwalunkwe kunflitt ta' interessi possibbli.

16. Jekk il-Membri jiffaċċjaw sitwazzjoni li taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Interessi, li tista' tirriżulta f'kunflitt ta' interess, huma għandhom jinfurmaw lill-President tal-Qorti. Wara li tiġi eżaminata mill-Kumitat tal-Etika, il-kwistjoni għandha tiġi ppreżentata lill-Qorti, li għandha tieħu kwalunkwe miżura li hija tqis xierqa.

*L-Artikolu 14a*

**L-obbligi tal-Membri rigward ċerti relazzjonijiet kuntrattwali**

1. Kwalunkwe relazzjoni kuntrattwali fuq terminu twil bejn il-Membri u l-persunal tal-Qorti, sew jekk tinvolvi ħlas u sew jekk le, għandha tiġi ddikjarata lill-Kumitat tal-Etika, li huwa responsabbli għall-eżaminar tagħha.

2. Il-Membri ma għandhomx jidħlu fi ftehimiet b'terminu twil ta' kiri, ta' sullokazzjoni jew ta' self mal-persunal tal-Qorti.

*L-Artikolu 15*

**Aċċettazzjoni ta' rigali u benefiċċji simili**

1. Jekk, bis-saħħa tad-drawwa tad-diplomazija u tal-korteżija, il-Membri jirċievu rigali jew benefiċċji simili b'valur ta' aktar minn EUR 150, huma għandhom jagħtuhom lis-Segretarju Ġenerali. F'każ ta' dubju, huma għandhom jiddikjaraw kwalunkwe rigal li jirċievu waqt il-qadi ta' dmirijiethom lis-Segretarju Ġenerali u jitolbu stima tal-valur tiegħu.

2. Is-Segretarjat tal-Qorti għandu jżomm reġistru ta' rigali u benefiċċji simili b'valur ta' aktar minn EUR 150, li jidentifika d-donaturi, u li għandu jkun disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-Qorti.

3. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għall-missjonijiet uffiċjali awtorizzati li jinvolvu l-parteċipazzjoni ta' Membru f'avveniment fejn l-organizzatur iġarrab ċerti spejjeż (pereżempju, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar jew tal-lukandi).

*L-Artikolu 16*

**Obbligi tal-Membri fir-rigward tal-attivitajiet esterni**

1. Mingħajr dewmien, il-Membri għandhom jiddikjaraw lill-President tal-Qorti l-attivitajiet esterni kollha jew it-tibdil kollu għal attività ddikjarata, billi jużaw il-formola fl-Anness II. Il-Membri għandhom jiddeskrivu l-attivitajiet esterni bl-aktar mod preċiż possibbli skont kull wieħed mill-kriterji elenkati fil-paragrafu 3.

2. Il-President għandu jgħaddi kwalunkwe tali dikjarazzjoni li tikkonċerna attivitajiet esterni lill-Kumitat tal-Etika, li huwa responsabbli għall-eżaminar tagħha.

3. Għal dan il-fini, il-Kumitat tal-Etika għandu jeżamina kwalunkwe attività esterna, eżistenti jew mitluba, fid-dawl tal-kriterji ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 12(4).

4. Bħala eċċezzjoni, l-attivitajiet esterni skont l-Artikolu 12(3)(a) u (b) għandhom jiġu ddikjarati lill-President bl-użu tal-formola fl-Anness II u jintbagħtu għal skopijiet ta' informazzjoni lill-Kumitat tal-Etika, li ma għandux joħroġ opinjoni dment li ma jqisx li din tkun meħtieġa.

5. L-attivitajiet li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Qorti dwar l-ispejjeż tal-missjonijiet tal-Membri tal-Qorti ma jistgħux jikkostitwixxu "attivitajiet esterni" fi ħdan it-tifsira tal-Artikoli 12 u 16 ta' dan il-Kodiċi. Il-Membri jibqgħu ħielsa li jipprovdu kwalunkwe tali informazzjoni li jqisu xierqa lill-Kumitat tal-Etika, purament għall-informazzjoni tiegħu. Għall-kuntrarju, attività esterna ddikjarata taħt dan il-Kodiċi ma tistax tibbenefika minn rimborż taħt id-Deċiżjoni tal-Qorti dwar l-ispejjeż tal-missjonijiet tal-Membri tal-Qorti.

*L-Artikolu 17*

**Impjiegi tal-Membri wara li tintemm il-kariga tagħhom**

1. Kull meta l-Membri jew il-Membri preċedenti tal-Qorti jkollhom l-intenzjoni li jassumu impjieg matul is-sentejn ta' wara t-tmiem tal-kariga tagħhom, huma għandhom jiddikjarawh lill-President tal-Qorti billi jużaw il-formola fl-Anness III malli jsiru jafu bil-kwistjoni, u jekk possibbli b'avviż ta' mill-inqas xahrejn minn qabel.

2. Għall-iskopijiet ta' dan il-Kodiċi, "impjieg" ifisser kwalunkwe attività professjonali, kemm jekk bi qligħ kif ukoll mingħajr. Huwa jeskludi:

(a) karigi onorarji u mhux imħallsa f'fondazzjonijiet jew organizzazzjonijiet simili, bl-ebda rabta mal-attivitajiet tal-Unjoni Ewropea, fl-isferi politiċi, legali, xjentifiċi, kulturali, artistiċi, soċjali, sportivi jew tal-karità jew fi stabbilimenti ta' edukazzjoni;

(b) is-sempliċi ġestjoni ta' assi jew ta' holdings jew fortuna personali jew familjari, f'kapaċità privata; u

(c) attivitajiet kumparabbli.

3. Il-President għandu jgħaddi dawn id-dikjarazzjonijiet biex jiġu eżaminati mill-Kumitat tal-Etika. Il-Kumitat tal-Etika għandu jeżamina jekk in-natura tal-impjieg ippjanat hijiex kompatibbli mal-Artikolu 286(4) TFUE u mal-Kodiċi preżenti, jekk hija ddgħajjifx l-imparzjalità tal-Qorti, u jekk hemmx kunflitt ta' interess.

4. Fejn ikun meħtieġ, il-Kumitat tal-Etika għandu, fit-twettiq ta' dan l-eżaminar skont il-paragrafu 3, jidentifika u jivvaluta jekk hemmx kwalunkwe riskju speċifiku u sostanzjat għall-kriterji fil-paragrafu 3 li jirriżultaw minn rapporti li fihom il-Membru kkonċernat kien aġixxa bħal l-Membru Relatur fl-aħħar sentejn tal-mandat tiegħu. Il-Kumitat għandu jqis ukoll l-Artikolu 15 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE dwar il-Libertà professjonali u d-dritt għax-xogħol.

5. Jekk il-Kumitat tal-Etika jqis li l-impjieg ikun inkompatibbli mal-Artikolu 286(4) TFUE u l-Kodiċi preżenti, il-President għandu jinforma lill-Membru preċedenti, li għandu joqgħod lura milli jinvolvi ruħu f'dik l-attività.

6. Bħala eċċezzjoni, fejn il-Membru preċedenti biħsiebu jassumi kariga pubblika, fil-prinċipju mhux mistenni li jkun hemm kunflitt ta' interess.

## III. QAFAS ORGANIZZATIV

*L-Artikolu 18*

**Il-Kumitat tal-Etika**

1. Il-Qorti b'dan tistabbilixxi Kumitat tal-Etika, li għandu jqis kwalunkwe kwistjoni ta' natura etika li huwa jqis rilevanti għall-istandards stabbiliti f'dan il-Kodiċi u għar-reputazzjoni tal-Qorti, inkluż it-titjib ulterjuri tagħhom.

2. Il-kompożizzjoni tal-Kumitat hija stabbilita fl-Artikolu 33 tar-Regoli għall-Implimentazzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti.

3. Il-Kumitat għandu jeleġġi president minn fost il-membri tiegħu.

4. Il-Kumitat għandu jsejjaħ laqgħa fuq talba tal-president tiegħu jew wara talba għal opinjoni ppreżentata lilu mill-President jew minn Membru tal-Qorti. Id-deliberazzjonijiet tal-Kumitat għandhom ikunu kunfidenzjali.

5. Il-Kumitat għandu joħroġ l-opinjoni tiegħu fi żmien 30 jum minn meta jiġi kkonsultat. Fuq proposta tal-president tiegħu, il-Kumitat jista' joħroġ opinjoni permezz ta' proċedura bil-miktub. Bħala eċċezzjoni, meta jiġi kkonsultat taħt l-Artikolu 17, huwa għandu joħroġ opinjoni mill-aktar fis possibbli.

6. Il-Kumitat għandu jadotta l-opinjonijiet tiegħu b'vot ta' maġġoranza. L-opinjonijiet tiegħu għandhom ikunu raġunati b'referenza għal kwalunkwe fehma kuntrarja. Dawn l-opinjonijiet għandhom jiġu kkomunikati immedjatament lil kwalunkwe Membru jew Membru preċedenti li jista' jkun ikkonċernat mill-opinjoni tal-Kumitat u mgħoddija lill-President u lill-Qorti għall-informazzjoni tagħhom.

7. Fejn il-Kumitat irid iqis dikjarazzjoni ta' interessi jew dikjarazzjoni li tikkonċerna attività esterna ta' Membru tal-Kumitat, dak il-Membru għandu jiġi sostitwit minn Membru supplenti tal-Kumitat u ma għandux jieħu sehem fil-ħidma tal-Kumitat dwar dik il-kwistjoni.

8. Il-Kumitat tal-Etika għandu jaqdi r-rwol assenjat lilu fid-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-politika tal-Qorti għaż-żamma ta' ambjent sodisfaċenti tax-xogħol u l-ġlieda kontra l-fastidju psikoloġiku u sesswali.

9. Is-Servizz Legali għandu jassisti lill-Kumitat tal-Etika fil-kompiti tiegħu u jipprovdi appoġġ segretarjali.

10. Għandu jiġi ffirmat kuntratt bejn il-Qorti u l-Membru estern tal-Kumitat li jistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi tagħhom fir-rigward tal-mandat tagħhom, inkluż l-ammont tat-tariffi.

*L-Artikolu 19*

**Interazzjoni bejn il-Membri, il-Kumitat tal-Etika u l-Qorti**

1. Il-President, il-Membri u l-Membri preċedenti tal-Qorti jistgħu jitolbu l-parir tal-Kumitat dwar kwalunkwe kwistjoni etika, b'mod partikolari rigward l-interpretazzjoni ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta.

2. Il-Membri għandhom immedjatament jirrappurtaw bil-miktub lill-President u lid-Dekan rilevanti kwalunkwe influwenza indebita pperċepita fuq, jew theddida lil, l-indipendenza tagħhom mingħand xi entità 'l barra mill-Qorti.

3. Il-Membri u l-Membri preċedenti tal-Qorti għandhom jikkooperaw bis-sħiħ mal-Kumitat, b'mod partikolari fir-rigward tal-għoti ta' kwalunkwe informazzjoni u dokumenti ta' sostenn li dan ikun talab. Huma għandhom id-dritt li jinstemgħu.

4. Membru fil-kariga jew Membru preċedenti li ma jaqbilx ma' opinjoni tal-Kumitat tal-Etika li taffettwah b'mod avvers għandu, fi żmien ħamest jiem tax-xogħol mid-data tal-wasla tal-opinjoni, jagħti raġunijiet bil-miktub għal tali nuqqas ta' qbil lill-President, li mingħajr dewmien għandu jirreferi l-kwistjoni lill-Qorti għall-kunsiderazzjoni u d-deċiżjoni finali tagħha. Fejn ir-riferiment jikkonċerna impjieg previst taħt l-Artikolu 17, il-Qorti għandha tittratta l-kwistjoni mingħajr dewmien.

5. L-effetti tal-opinjoni tal-Kumitat hekk referita lill-Qorti għandhom jiġu sospiżi. Sakemm tadotta d-deċiżjoni finali tagħha, il-Qorti għandha tagħti kwalunkwe struzzjoni proviżorja dwar il-kwistjoni rreferita skont kif jidhrilha xieraq. Il-Membru fil-kariga jew il-Membru preċedenti kkonċernat għandu mingħajr dewmien jikkonforma ma' tali struzzjoni u deċiżjoni finali tal-Qorti.

6. Il-President tal-Qorti għandu jiżgura li tittieħed azzjoni rigward l-opinjonijiet tal-Kumitat u rigward kwalunkwe struzzjoni u deċiżjoni tal-Qorti li tirriżulta.

7. Kull sena, il-Qorti għandha tadotta rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta, inkluż ix-xogħol tal-Kumitat tal-Etika. Dan għandu jiġi ppubblikat fuq is-sit web tal-Qorti.

*L-Artikolu 20*

**Kooperazzjoni mal-UPPE u l-OLAF**

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet, u t-testi rilevanti għall-applikazzjoni tagħhom, b'mod partikolari l-garanziji proċedurali stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 ([3]) u r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), il-Membri tal-Qorti għandhom jikkooperaw bis-sħiħ mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u mal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi fil-kuntest tal-inkjesti u l-investigazzjonijiet imwettqa minnhom.

IV. **DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI**

*L-Artikolu 21*

**Applikazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta**

1. Il-President u l-Membri tal-Qorti għandhom jiżguraw illi dan il-Kodiċi ta' Kondotta jiġi osservat u li jiġi applikat *in bona fide* b'kunsiderazzjoni xierqa tal-prinċipju tal-proporzjonalità. Il-kontrolli interni tal-Qorti u dawk esterni li hemm eżistenti japplikaw għall-attivitajiet taħt dan il-Kodiċi.

2. Fl-interpretazzjoni ta' dan il-Kodiċi, u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tiegħu, li fihom sett komplet ta' drittijiet u obbligi, jenħtieġ li jittieħed kont ta' kwalunkwe prattika u standard Ewropej u internazzjonali rilevanti.

*L-Artikolu 22*

**Dispożizzjonijiet Finali**

1. Dan il-Kodiċi ta' Kondotta jifforma parti mir-Regoli għall-Implimentazzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti, li magħhom għandu jiġi mehmuż.

2. Huwa jħassar u jissostitwixxi l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Qorti tal-10 ta' Frar 2022.

3. Il-Kodiċi għandu jidħol fis-seħħ b'effett immedjat.

4. L-Artikolu 14(8) tal-Kodiċi ta' Kondotta rivedut ma għandux japplika għall-Membri li l-kariga tagħhom tkun diġà tinsab għaddejja fi żmien l-adozzjoni tal-Kodiċi preżenti.

5. Dan il-Kodiċi ta' Kondotta għandu jiġi nnotifikat lill-Membri preċedenti, mibgħut għall-informazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, u ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-7 ta' April 2022.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*
Klaus-Heiner LEHNE
*Il-President*

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (l-UPPE) (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

([4]) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

*ANNESS I*

**DIKJARAZZJONI TA' INTERESSI**

(skont l-Artikolu 14)

Isem sħiħ:

I. **Interessi finanzjarji, assi u obbligazzjonijiet** (l-Artikolu 14(4) u (5) tal-Kodiċi ta' Kondotta)

*Indika kwalunkwe tali element li jista' joħloq jew li b'mod oġġettiv jista' jiġi pperċepit li joħloq kunflitt ta' interess fit-twettiq ta' dmirijietek.*

*Għal kull interess indika:*

| *It-tip ta' interess (eż. ishma, bonds, self, interessi jew obbligazzjonijiet oħra)* | *L-entità kkonċernata (eż. kumpanija, bank, fond)* | *Id-daqs tal-interess (eż. l-għadd ta' ishma)* |
|---|---|---|
| | | |

II. **Interessi finanzjarji tal-konjuġi, tas-sieħeb jew tal-ulied minorenni** li jistgħu b'mod oġġettiv jitqiesu kapaċi li jirriżultaw f'kunflitt ta' interess (l-Artikolu 14(7) tal-Kodiċi ta' Kondotta)

*Speċifika l-ismijiet tal-konjuġi, tas-sieħeb jew tal-ulied minorenni kkonċernati, flimkien mal-istess informazzjoni bħal dik mitluba taħt il-Punt I.*

III. **Proprjetà immobbli** (l-Artikolu 14(6) tal-Kodiċi ta' Kondotta)

*Kwalunkwe proprjetà li tkun taħt sjieda diretta jew sjieda permezz ta' kumpanija immobbljarja, b'identifikazzjoni tal-lok approssimattiv fejn tinsab u n-natura tagħha* (1)*. Mhuwiex meqjus meħtieġ li l-valur tal-proprjetajiet jiġi stipulat.*

IV. **Attivitajiet preċedenti** (l-Artikolu 14(8) tal-Kodiċi ta' Kondotta) (2)

*Jekk jogħġbok indika n-natura tal-kariga/i, l-isem tal-korp u l-objettiv/attività li jwettaq.*

V. **Attivitajiet esterni attwali** (l-Artikolu 14(10) tal-Kodiċi ta' Kondotta) (3) (4)

*Jekk jogħġbok indika t-titolu ta' kull attività u ddeskrivi n-natura u l-objettiv tagħha.*

VI. **Attivitajiet professjonali tal-konjuġi jew tas-sieħeb** (l-Artikolu 14(9) tal-Kodiċi ta' Kondotta)

VII. **Dekorazzjonijiet għall-mertu, premji, unuri u informazzjoni rilevanti addizzjonali** (l-Artikolu 14(11) tal-Kodiċi ta' Kondotta)

Jien b'dan niddikjara li l-informazzjoni li tajt hawn fuq hija vera.

Data:

Firma:

Din id-dikjarazzjoni tiġi ppubblikata skont l-Artikolu 14(14) tal-Kodiċi.

---

(1) Kif inhu stabbilit fl-Artikolu 14(6), dan ma għandux jinkludi "djar riżervati għall-użu esklussiv tas-sid u tal-familja tiegħu".

(2) Jenħtieġ li d-dikjarazzjoni taħt dan il-paragrafu ssir mill-Membri l-ġodda malli jibdew l-ewwel mandat tagħhom. Jenħtieġ li, hekk kif u meta tiġi aġġornata d-dikjarazzjoni tagħhom, din il-parti tiġi kkuppjata mingħajr modifika. Il-Membri li jibdew mandat ieħor (it-tieni jew it-tielet) ta' sitt snin, fejn ma hemmx interruzzjoni bejn il-mandati, huma eżentati milli jagħmlu d-dikjarazzjoni taħt dan il-paragrafu.

(3) L-attivitajiet esterni elenkati fl-Artikolu 12(3)(a) u (b) ma jiġux iddikjarati hawnhekk iżda minflok jiġu ttrattati skont l-Artikolu 16(4).

(4) Jekk għadek kif bdejt l-ewwel mandat tiegħek u waħda jew aktar mill-attivitajiet esterni tiegħek għadhom qegħdin jiġu eżaminati wara d-dikjarazzjoni tiegħek taħt l-Artikolu 16, madankollu trid telenkahom kollha u żżid in-nota li ġejja f'qiegħ il-paġna: "Din l-attività esterna attwalment qiegħda tiġi eżaminata mill-Kumitat tal-Etika tal-Qorti". Ladarba tiġi kkompletata l-proċedura taħt l-Artikolu 16(3), jekk jogħġbok ippreżenta Dikjarazzjoni ta' Interessi aġġornata li tirrifletti l-konsegwenzi tal-proċedura.

*ANNESS II*

**DIKJARAZZJONI TA' ATTIVITÀ ESTERNA**

(skont l-Artikoli 12 u 16)

Isem sħiħ:

**Titolu tal-attività esterna:**

**Deskrizzjoni:**

*Jekk jogħġbok iddeskrivi l-attività bl-aktar mod preċiż possibbli, u ehmeż kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti.*

**Informazzjoni:**

*Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni li turi, għall-iskopijiet ta' evalwazzjoni, jekk l-attività:*

(a) *idgħajjifx l-imparzjalità tal-Qorti;*

(b) *toħloqx kunflitt ta' interess;*

(c) *tiħux ammont ta' żmien eċċessiv (kemm separatament u b'kunsiderazzjoni tal-attivitajiet esterni akkumulati tiegħek);*

(d) *tipprovdilekx kwalunkwe qligħ pekunjarju.*

**Data intenzjonata tal-attività esterna:**

**Elenka kwalunkwe spiża tal-ivvjaġġar jew tas-sussistenza koperta minn partijiet terzi:**

Jien b'dan niddikjara li l-informazzjoni li tajt hawn fuq hija vera.

Data:

Firma:

*ANNESS III*

**DIKJARAZZJONI TA’ IMPJIEG**

(Skont l-Artikolu 17 ([1]))

Isem sħiħ:

**Impjieg intenzjonat:**

**Deskrizzjoni:**

*Jekk jogħġbok iddeskrivi l-impjieg bl-aktar mod sħiħ u preċiż possibbli, u ehmeż kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti bħala annessi:*

**Informazzjoni:**

*Jekk jogħġbok agħti informazzjoni li turi, għall-iskopijiet ta’ evalwazzjoni, jekk l-impjieg:*

(a) *idgħajjifx l-imparzjalità tal-Qorti;*

(b) *joħloqx kunflitt ta’ interess.*

**Data intenzjonata għall-bidu tal-impjieg:**

Jien b’dan niddikjara li l-informazzjoni li tajt hawn fuq hija vera.

Data:

Firma:

---

([1]) Jekk jogħġbok innota li l-attivitajiet li jaqgħu taħt l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 17(2)(a), (b) jew (c) ma hemmx għalfejn jiġu ddikjarati.

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT